MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Avviz Numru. 240/2003

**Middlesea Insurance P.L.C. kif surrogata, bil-ligi u bil-polza, fid-drittijiet tas-socjeta' Primrose General Trading Limited**

**vs**

**Falcotrans Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici fil-kwalita' taghha premessa ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tlett mija u tnax-il lira u tmenin centezmu (Lm2312.80) ammont imhallas lill-assigurat taghha, is-socjeta' Primrose General Trading Company Limited in konnessjoni ma hsara u spejjez ohra sofferti mill-istess socjeta' assigurata fil-merkanzija minnha importata fuq il-vapur m/v Maltese Falcon li wasal Malta fil-5 ta' Awissu 2002, u li giet issurrogata fid-drittijiet tal-istess socjeta' assigurata.

Dan, occorrendo, previa dikjarazzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti li s-socjeta konvenuta unikament responasbbli ghad-danni li saru fil-merkanzija kif fuq inqtal.

Bl-imghax mid-data li sar il-hlas lill-assigurat, sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-istess socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fil-11 ta' Gunju 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-avviz u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici fil-kwalita taghha kif premessa s-somma ta' Lm2312.80,0 bl-imghax legali mis-6 ta‘ Mejju 2003 sad-data tal-pagament effetiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------